# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA MARCELLU II.**

Marcello twieled minn Rikkard Cervini



ta' Montepulciano fi Siena fis-6 ta' Marzu tas-sena 1501. Bniedem kolt hafna u maghruf ghat-traduzzjonijiet mill-latin u mill-grieg,



gawda taht Alessandro Farnese, li meta sar Papa bhala Pawlu III riedu segretarju ta' neputih kardinal. B'dan il-mod kellu sehem importanti fil-politika ta' l-Istat Pontificju u fi kwistjonijiet religjuzi. Fis-sena 1539 gie nominat isqof ta' Nicastro u fl-istess sena rcieva l-grad ta' kardinal. Is-sena ta' wara nsibuh isqof ta' Reggio Emilia u fis-

sena 1554 ta' Gubbio; bhala isqof hadem bis-shih u verita' ghar-riforma ekklesjastika.

Wera' li fix-xoghol tieghu ta' diplomatiku fil-qorti imperjali ta' Karlu V kien bniedem ta' l-affari tieghu u minhabba l-kapacita' tieghu gie nominat Legat tal-Papa fil-koncilju ta' Trentu flimkien ma' Giovanni Maria del Monte (il-futur Papa Gulju III) u l-ingliz il-kardinal Pole. Ix-xoghol ta' legat kien li jaghzlu u jiddeterminaw l-ghazla tas-suggetti ghad-diskussjoni u jmexxu d-dibattiti nfushom. Waqt xi kwistjonijiet importanti huma kienu jircievu istruzzjonijiet diretti minn Ruma.

Fis-sena 1548 Pawlu III innominah Biblijotekarju Appostoliku, kariga li kienet imgedda minn Gulju III. F'dan il-periodu kien promotur ta' ricerki storici u arkeologici. Il-Papa del Monte innominah President tal-Kummissjoni ghar-riforma tal-knisja, imma gie mnehhi sussegwement ghaliex kien kritiku tal-politika nepotista tal-Papa.

Wara l-mewt tal-Papa Gulju III kien elett papa fid-9 ta' April 1555 u ha l-isem ta' Marcellu II. Kien l-ahhar papa li ma biddilx ismu, bhal donnu kieku, skond il-leggenda, li hu xtaq papat qasir. Skond il-leggenda dawk il-papiet li xtaqu terminu qasir ma kienux ibiddlu isimhom. Immedjatament malli

tela'huwa beda l-programm ta' riforma morali fil-knisja, zamm u naqqas il-lussu u l-ispejjes tal-qorti papali u waqaf lir-riforma protestanta. Ippropona li jerga' jiftah il-koncilju ta' Trentu.

Haseb ukoll biex inehhi l-Gwardja Svizzera halli jeqred darba ghal dejjem l-idea ta' xi qawwa materjali. Imma attakk pupletiku hasdu minn din il-hajja u wara xahar pontifikat miet fl-1 ta' Mejju 1555. Jinsab midfun fil-basilka ta' San Pietru.